**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum L-Erbgha, 9 ta' Marzu, 2016**

Numru 12

**Rikors Nru. 1068/2015**

**Lawrence Ciantar ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Carmelo Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta Enemalta tal-11 ta' Novembru 2015 li jghid hekk:

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Novembru 1991 (Citazzjoni Nru: 704/91FGC) kif jidher mill-kopja tas-sentenza hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "A", l-esponenti giet kanonizzata kreditrici tal-intimat fis-somma ta' Lm373.194 (tliet mija u tlieta u sebghin ewro u dsatax-il centezmu u erba' millezmi) li llum huwa ekwivalenti ghal EUR869.31 (tmien mija u disgha u sittin ewro u wiehed u tletin centezmu) rapprezentanti danni sofferti mill-attrici bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi;

Illi l-intimat ghadu sallum ma hallas xejn minn dan l-ammont minnu dovut u l-esponenti ghandha interess illi tkompli tesegwixxi kontra l-intimat sabiex tottjeni l-hlas;

Illi minn dakinhar tas-sentenza sallum lahqu ghaddew ghaxar (10) snin u ghaldaqstant l-imsemmija sentenza ma hiex aktar esegwibbli hlief bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti a tenur tal-artikolu 258(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghalhekk l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tigi mitluba tordna l-esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Novembru 1991 u dana a tenur tal-artikolu 258(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta tal-intimat li tghid hekk:

1. Illi l-esponent jopponi ghat-talba tas-socjeta Enemalta plc ghas-segwenti ragunijiet:
i) Imkien fis-sentenza esibita mar-rikors tas-socjeta rikorrenti ma hemm indikazzjoni tal-konnotati tal-intimat Carmelo Zammit indikat fis-sentenza u ghalhekk jispetta lis-socjeta rikorrenti ggib il-prova li l-Carmelo Zammit indikat fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc taI-5 ta' Novembru 1991 huwa fiI-fatt l-istess Carmelo Zammit li qieghed iressaq din ir-risposta.
ii) Illi l-artikolu 258(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jrendix din l-Onorabbli Qorti bhala semplici timbru li ma ghandiex ghazla ghajr li tilqa' taIba bhal dik tar-rikorrenti izda zgur li din l-Onorabbli Qorti ghandha tissindika r-ragunijet ghalfejn is-socjeta rikorrenti ma ghamlet xejn sabiex tesegwixxi t-titolu ezekuttiv li tghid li ghandha wara aktar minn erbgha u ghoxrin sena.
iii) Illi fit-tielet lok jidher mill-kopja tas-sentenza esebita mar-rikors promutur li s-sentenza in kwistjoni giet ottenuta bil-kontumacja tal-intimat f'dik il-kawza u ghalhekk ikun opportun li din l-Onorabbli Qorti tezamina l-atti ta' dawk il-proceduri sabiex tivverifika jekk fill-fatt kienx I-esponent li gie fil-fatt notifikat u dan fid-dawl tal-fatt li l-esponent ma huwiex edott mill-fatti u l-incident indikat fis-sentenza in kwistjoni, kif ukoll huwa Ia kien u lanqas huwa negozjant kif imfisser fil-Kodici Kummercjali liema rekwizit kien wiehed essenzjali sabiex il-proceduri nnifishom kienu gew inizjati fil-Qorti tal-Kummerc.
iv) Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost kwalsiasi taIba da parti tas-socjeta Enemalta plc hija fil-fatt preskritta.

Tant ghandu x'jissotometti l-esponent ghas-savvju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti u dan b'riserva li l-esponent jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri galadarba jkollu ghad-dispozizzjoni tieghu l-atti tac-citazzjoni numru 704/91FGC.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-vertenza thalliet ghall-provvediment.

**Ikkunsidrat**

L-azzjoni hi wahda ta' ezegwibilita ta' titolu ezekuttiv naxxenti minn sentenza tal-Qorti tal-Kummrc tal-5 ta' Novembru 1991 (Citaz. 704/1991FGC) fejn is-socjeta rikorrenti giet kanonizzata kreditrici ta' Carmelo Zammit skond l-imsemmija sentenza. Din is-sentenza nghata ezekuzzjoni ghaliha permezz ta' talbiet ghal hlas u zewg mandate ezekuttivi izda kull forma ta' esekuzzjoni jidher li waqfet wara l-1996. Hekk jirrizulta mix-xiehda tar-rapprezentant tal-Enemalta Marisa Cassar.

Billi ghaddew iktar minn ghaxar snin mindu s-sentenza setghet tigi ezegwita, is-socjeta rikorrenti qed titlob li tinghata l-permess biex tezegwixxi s-sentenza ai termini

tal-artikolu 258(a) tal-Kap. 12. Jirrizulta illi l-kreditu gej minn titolu ezekuttiv u ili l-intimat ghadu ma hallasx id-debitu dovut. Ghal din il-procedura l-intimat oppona ghal diversi ragunijiet.

Illi kif gie spjegat fis-sentenza deciza fit-12 ta' April 2012 fl-**ismijiet Bank of Valletta plc vs. Refco Co Ltd u Paul u Marika mizzewgin Ciantar**:

> "Irrispettivament x'inhu l-ammont li ghadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' prociment mhuwiex il-kompitu tal-Qorti li toqghod taghmel konteggi u kkundanna lill-intimati jhallsu xi ammont. L-ezercizzju li jrid isir hu pjuttost wiehed ta' verifika li ghad hemm hlas dovut, cjoe li l-obbligazzjoni tal-hlas ghadha tezisti u li ghalhekk ikun ghadu jezisti t-titolu ezekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-ezekuzzjoni ghandha ssir biss fuq il-bilanc li ghadu dovut mill-intimati".

Din il-Qorti kif preseduta gia kellha l-okkazzjoni li tenuncja l-istess principji u ssostni li l-kwistjoni quddiem il-Qorti hi biss accertament li ghad hemm debitu cert fis-sens li jirrizulta minn att notarili jew att ezekuttiv iehor bhal sentenzi tal-Qorti kif inhu dan il-kaz u ghandu l-elementi u validita legali ta' debitu li ma jikkostitwix l-ghemil ta' fatt. Hu likwidu ghax kien hlas ta' debitu kanonizzat b'sentenza tal-Qorti u ghadu dovut ghax hemm bilanc mhux imhallas kif dikjarat mir-rikorrenti.

**Prova li l-konvenut fis-sentenza hu l-istess intimat li qed jigi mharrek**

Din l-eccezzjoni saret peress illi fis-sentenza ma hemmx indikazzjoni ta' identita oltre l-isem u l-kunjom u bejn is-sentenza u dan ir-rikors ghaddew aktar minn ghoxrin sena. L-intimat ma nnegax li mhux hu. Kull ma xehed hu li ma jiftakarx ghandux ihallas l-ammont reklamat. Mill-atti tal-kawza 704/1991FGC jidher li l-intimat gie notifikat fl-istess indirizz li l-intimat odjern jiddikjara li jirresjedi fih u ilu jirresjedi f'dan il-fond ghal circa 27 sena. L-indirizz hu 48 St. Mary, Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, Zabbar. Il-Qorti hi konvinta li l-konvenut fil-kawza deciza u l-intimat fil-proceduri odjerni hu l-istess persuna.

**Il-Qorti ghandha tissindaka ghaliex is-socjeta rikorrenti ma ppruvatx tesegwixxi s-sentenza ghal ghexirien ta' snin**

Hu minnu illi s-socjeta rikorrenti ma jidhirx li hadet passi biex tigbor il-kreditu wara t-tentattivi li jwasslu sal-1996 cioe ghoxrin sena ilu. Dan juri traskuragini pero ma jfissirx b'daqshekk li s-socjeta rikorrenti tilfet xi dritt bhal dak li qed jigi mitlub. It-titolu

ezekuttiv ma spiccax u ghadu vigenti. Dak hu li ghandha tikkonsidra l-Qorti. Ma jidhirx anqas li hemm xi oppozizzjoni li sari l-hlas tad-debitu da parti tal-intimat. Del resto, kif inhu obbligu tal-kreditur li jinsisti ghall-esekuzzjoni tat-titolu, hu obbligu tad-debitur li jhallas u fin-nuqqas jissubixxi l-konsegwenzi tal-ligi. Il-ligi titlob biss talba ghal esekuzzjoni mill-gdid jekk ikunu ghaddew ghaxar snin mindu t-titolu ezekuttiv kien esegwibbli.

Ir-raguni ghall-impozizzjoni ta' terminu li llum zdid ghal hmistax-il sena hi li wara certu zmien kif jidhirlu jiffissa l-legislatur mindu jitwieled titolu ezekuttiv ma jsirux atti ezekuttivi u dan biex jigi zgurat li t-titolu ezekuttiv ghadu vigenti.

Ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll hi bla mertu.

**Il-Qorti ghandha tezamina l-atti tal-kawza li taw lok ghat-titolu**

Din l-eccezzjoni hi kompletament bla bazi billi s-sentenza li marret in gudikat tikkostitwixxi stat bejn il-partijiet li din il-Qorti ma tistax tiddisturba hlief fic-cirkostanzi li tippermetti l-ligi. F'dan il-kaz, is-sentenza hi res judicata u hi konferma ta' dak li fiha.

**It-talba hi preskritta**

L-intimat lanqas semma' xi artikolu li fuqu qed jibbaza l-preskrizzjoni u kwindi tali eccezzjoni lanqas hi ammissibbli u qed tigi skartata

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti filwaqt li tirrespingi r-risposta tal-intimat, tilqa' t-talba attrici kif dedotta. Spejjez ghall-intimat.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur